# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 11 ta' Lulju 2023**

**Talba numru 326/2020SFJ**

**MAXIMILIAN U BERNARDETTE KONJUĠI SAMMUT U LEONARD SAMMUT**
**VS.**
**LOU JEAN SPITERI U STEVEN SCICLUNA**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fil-15 ta' Diċembru 2020 li permezz tiegħu l-atturi esponew u talbu:

> "*It-Tribunal huwa mitlub li jikkundanna lill-konvenut li jħallsu solidalment bejniethom lill-atturi s-somma ta' tlett elef u mija u wieħed u tletin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€3,131.36) rappreżentanti din is-somma danni kkaġunati mill-konvenuti lill-atturi stante xogħol ħażin li għamlu l-konvenuti fuq dgħajsa proprjetà tal-atturi bl-isem 'Seaductress' Reg. No. 12630.*
>
> *Illi l-atturi kienu inkarigaw lill-konvenuti biex jagħmlu xogħol ta' riparazzjoni fuq l-imsemmija dgħajsa u rriżulta li ħafna mix-xogħlijiet ma sarux jew saru ħażin b'tali mod li l-atturi ser ikollhom jinkarigaw lil terzi biex ix-xogħlijiet isiru sew.*
>
> *Bl-ispejjeż u l-imgħax u l-konvenuti in subizzjoni.*"

Ra li l-konvenuti ġew innotifikati nhar is-17 ta' Mejju 2021;

Ra r-risposta tal-konvenuti pprezentata fit-3 ta' Ġunju 2021 li permezz tagħha eċċepew:

> "*Illi t-talba kif avvanzata fil-konfront tal-eċċipjenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li filwaqt li l-eċċipjenti ottemperaw ruħhom ma' dak li kien miftiehem bħala xogħol fuq id-dgħajsa Seductress Nru. 12630, dan l-istess xogħol sar skont is-sengħa u l-arti għas-sodisfazzjon tal-atturi.*
>
> *Illi l-premess qed jingħad in vista tal-fatt li l-eċċipjenti wettqu x-xogħlijiet kollha mitluba biex dgħajsa li kienet ilha mitluqa u abbandunata għal żmien twil u bi ħsarat fil-magna, ġiet imsewwija f'dak kollu li kien miftiehem, li kien l-antifouling tal-qiegħ u rranġar tal-magna u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*
>
> *Illi fil-fatt l-atturi kienu sikwit imorru fil-garaxx tal-eċċipjenti u jaraw ix-xogħol estensiv li sar fejn fost affarijiet oħra tnaddaf u kien xkatlat il-qiegħ tad-dgħajsa u wara ngħata primer u l-antifouling kif ukoll iżżarmat il-magna biċċiet u reġgħet ġiet armata b'parts ġodda.*
>
> *Illi meta rċevew żewġ ittri mill-konsulent legali tal-atturi fuq dan il-każ, l-eċċipjenti fiehemu fid-dettall u bil-miktub ix-xogħlijiet li saru u stiednu lill-atturi biex jiltaqgħu bil-kelma t-tajba (kif jidher fl-ittri annessi u mmarkati bħala Dok. A) biex jekk hemm bżonn ifiehmuhom aħjar, imma l-atturi lanqas riedu jitkellmu magħhom.*
>
> *Illi għalhekk huwa ċar li r-raġuni vera għal din il-kawża hija biex l-atturi jagħmlu gwadann mhux xieraq minn fuq l-eċċipjenti u għalhekk biss qed jippruvaw jallegaw li sar xogħol ħażin biex b'xi mod jieħdu l-flus li ħallsu lura.*
>
> *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*
>
> *Bl-ispejjeż kollha kontra l-istess rikorrenti.*"

Sema' l-provi, ra d-dokumentazzjoni kollha pprezentata, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-11 ta' Lulju 2023.

**<u>Provi pprezentati</u>**

**Elio Desira**, *marine surveyor* imqabbad *ex parte* mill-atturi, ipprezenta rapport li kkonferma bil-ġurament tiegħu, u qal li l-attriċi Bernardette Spiteri qaltlu li ma kinitx sodisfatta bix-xogħol li sar fuq il-mutur tad-dgħajsa relattiva. Huwa inkariga *service technician* u qabel, mar fil-post fejn kienet id-dgħajsa u s-*service technician* mar miegħu. Ix-xhud qal li mill-eżami tiegħu irriżulta li ħafna affarijiet "*ma kinux qegħdin sew.*"

**Maximilian Sammut** ippreżenta affidavit li permezz tiegħu qal li kien jaf li fis-sena 2020, martu Bernardette Sammut u binhom Leonard Sammut xtraw *cabin cruiser* li ttieħed għand il-konvenuti fil-garaxx tagħhom f'San Ġwann għal *service* u *checks* fuq il-magna. Kien jaf li martu ħallset €2,771.36 lill-konvenuti għax-xogħol. Kien jaf ukoll li d-dgħajsa kellha magna *Yamaha 225*. Ix-xhud qal li huwa daħal fix-xena meta x-xogħlijiet fuq id-dgħajsa suppost tlestew u d-dgħajsa ttieħdet f'*boat yard*. L-atturi ssuspettaw li x-xogħol ma kienx sar kollu, u għalhekk Bernardette Spiteri kkuntattjat lil Elio Desira li ħa mekkanik miegħu. Hu qal li Desira u l-mekkanik tiegħu sabu li ħafna komponenti li kellhom jinbidlu ma kinux inbidlu, fosthom it-*timing belt*. Il-mekkanik li akkumpanja lil Desira bidel it-*timing belt* u mbagħad, id-dgħajsa ttieħdet għal prova fil-baħar. Ġara li d-dgħajsa bdiet taħdem ħażin u bdiet taqta' u tintefa. Id-dgħajsa ttieħdet lura fil-*boat yard* u tqabbad mekkanik ieħor biex jiċċekkja l-mutur. Dan sab li l-mutur kellu ħsara fil-*valves* u x-xogħol li suppost għamlu l-konvenuti kellu jerġa' jsir għaliex minflok sewwewh, il-konvenuti aktar għamlu ħsara. L-attur ippreżenta prospett li kkonferma l-ispejjeż li ntefqu fuq id-dgħajsa (ċioè l-ammont ta' €2,771.36 imħallas lill-konvenuti) kif ukoll spejjeż għal *parts* ġodda (dok. P1 a fol. 60) ammontanti għal €746.59.

In kontro-eżami, Sammut qal li huwa qatt ma mar fil-garaxx tal-konvenuti iżda dejjem ħalla f'idejn martu u ibnu. Kien jaf li martu xtaqet id-dgħajsa b'urġenza sabiex jużawha fis-sajf. Huwa qal li waqt il-provi fil-baħar, id-dgħajsa ma mxietx meta ġiet imdaħħla *in gear* iżda *in reverse* ħadmet aħjar. Mistoqsi għaliex ma nsistewx li l-konvenuti jmorru fuq il-post meta din ma ħadmitx fil-baħar, huwa qal li l-konvenuti rrifjutaw bl-iskuża li meta ħarġet mill-garaxx tagħhom kienet qed taħdem sewwa.

**Bernardette Sammut** ippreżentat affidavit li fih ikkonfermat il-kontenut tal-affidavit ta' Maximilian Sammut u żiedet xi affarijiet. Hija qalet li qabel xtrat id-dgħajsa, kienet ħadet magħha mekkanik iċċertifikat mid-ditta Yamaha sabiex jagħmel test dijanjostiku fuq il-mutur u rriżultalu li l-mutur ma kellu ebda difett u kellu biss madwar ħames mitt siegħa, jiġifieri kien kważi ġdid. Permezz ta' binha kienet saret taf lill-konvenut Steve Scicluna li qal li kien mekkanik tal-muturi tad-dgħajjes u inkarigatu sabiex jagħmel *service* lill-mutur, jiċċekkja l-kontrolli tad-dgħajsa, jixkatla l-qiegħ tad-dgħajsa, jagħti l-*primer* u wara jagħmel l-*antifouling*. Hija insistiet li riedet iżżomm il-*parts* antiki li Scicluna jkun neħħa u bidel b'*parts* ġodda sabiex isserraħ moħħha li veru jkunu nbidlu. Hija qalet li żaret il-garaxx ta' Scicluna iżda qatt ma rat il-mutur tad-dgħajsa żarmat. Qalet ukoll li darba fost l-oħrajn, Lou Jean Spiteri bagħtilha messaġġ biex jgħidilha li sab *valve* fil-pajp tal-*exhaust* u hi kienet sorpriża għaliex kieku kien hekk, l-ewwel mekkanik (jiġifieri dak iċċertifikat mid-ditta Yamaha) kien jinduna b'dan. Meta tlestew ix-xogħlijiet, hija talbet biex issir prova fil-baħar iżda t-talba ġiet rifjutata. Hija ħallsitu l-prezz miftiehem (jiġifieri €2,771.36) u meta talbitu l-*parts* il-qodma u r-riċevuti tal-*parts* il-ġodda, huwa qalilha li l-lavrant tiegħu rema l-*parts* il-qodma u li ma kellux riċevuti tal-*parts* il-ġodda. Imbagħad, id-dgħajsa marret fil-*boat yard* għaliex kien fadal xogħol xi jsir fuq ġewwa. Meta kienet fil-*boat yard*, bdiet titkellem ma' xi persuni oħrajn li wkoll kellhom id-dgħajjes tagħhom hemm, u anki tkellmet ma' sid il-*boat yard*, u dawn kollha baqgħu mistagħġba bl-ammont li nefqet u li inkarigat lill-konvenuti. Minn hemm, hi bdiet taħseb ħażin. Binha, Leonard Sammut, fetaħ il-*cover* tal-mutur tad-dgħajsa u ra s-sadid ma' ċerti boltijiet li kien juri li dawn ma ġewx imċaqalqin, u anki t-*timing belt* kienet tidher mhux mibdula. Minn hemm, hija inkarigat lis-*surveyor* Elio Desira.

In kontro-eżami, ix-xhud essenzjalment ikkonfermat dak li xehdu żewġha u binha in kontro-eżami.

**Leonard Sammut** ippreżenta affidavit li fih ikkonferma l-kontenut tal-affidavits ta' Bernardette Sammut u Maximilian Sammut.

In kontro-eżami, ix-xhud qal li mar fil-garaxx tal-konvenuti diversi drabi u ppreċiża li d-dgħajsa ttieħdet għand il-konvenuti biex isirilha dak kollu li kellha bżonn. Huwa qal li t-test dijanjostiku ma kienx ikopri l-*exhaust* imma għalih kienet sinjal ta' allarm meta sab *valve* fl-*exhaust*. Ix-xhud ma setax jgħid meta l-*valve* spiċċa fl-*exhaust*, ċioè kienx fiż-żmien meta d-dgħajsa kienet għand il-konvenuti jew f'xi żmien ieħor qabel. Ix-xhud żied jgħid li għalkemm *service* ma kienx jinkludi l-ftuħ tal-magna, jekk il-magna ma taħdimx, wieħed ma jkomplix bis-*service* u anzi għandu javża lis-sid li hemm bżonn aktar tiswijiet minn sempliċi *service*.

**Paul Ebejer** xehed li kien sid ta' *boat yard* fil-Magħtab u qal li l-atturi xtraw id-dgħajsa relattiva mingħand ċertu Tancred Borg. Bħala prassi, ix-xhud ma kienx jiċċekkja jekk id-dgħajsa jkollhiex xi problemi mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u bħala prassi, il-*boat yard* kienet titlob prova tal-assigurazzjoni. Ix-xhud qal, iżda, li billi s-sid preċedenti tad-dgħajsa Tancred Borg kien bniedem fis-sebgħinijiet tiegħu u d-dgħajsa ma kinitx qed tintuża, jista' jkun li qatt ma kien hemm assigurazzjoni. Id-dgħajsa kienet ilha fil-*yard* tiegħu mis-sena 2018 'il quddiem u mbagħad, fit-2 ta' Ġunju 2020, inbiegħet lill-atturi. Id-dgħajsa kienet barra u l-mutur tagħha kien mgħotti u seta' kien li anki d-dgħajsa kellha xi tip ta' għata. Kien hemm żmien fejn il-mutur tad-dgħajsa kien ġo tank tal-ilma iżda aktarx mhux għaż-żmien kollu bejn l-2018 u l-2020. Huwa qal li d-dgħajsa kienet xi ftit malandata, li madwarha kien hemm dgħajjes oħrajn u ħdejha eżattament kien hemm siġra. X'ħin id-dgħajsa kienet ser tiġi rmunkata 'l barra, ġie osservat li l-karru tagħha kellu problema u kellhom isiru tiswijiet fil-karru sabiex tkun tista' tinħareġ. Sakemm id-dgħajsa damet fil-*yard* ma saru ebda xogħlijiet fuqha. Ix-xhud ma setax jiftakar għaliex id-dgħajsa qatt ma reġgħet lura fil-*yard*. Ix-xhud ma kienx jaf jekk is-sid Tancred Borg marx jippruvaha u jistartja l-mutur fiż-żmien li d-dgħajsa damet fil-*yard*.

In kontro-eżami, Ebejer qal li l-parti ta' isfel tal-mutur kien ġo tank tal-ilma sabiex is-sid, minn żmien għal żmien, ikun jista' jistartja l-magna. Huwa qal li bħala kunċett, il-*yard* kienet tipprova ssib dgħajjes li jidħlu u joħorġu sabiex ikun jista' jsir xi xogħol fuqhom, iżda ġara li din id-dgħajsa partikolari dejjem baqgħet hemm.

**Bernice Bonett** xehdet li Lou Jean Spiteri kien il-*partner* tagħha u Steve Scicluna kien ħabib ta' Lou Jean Spiteri. Murija *invoice* partikolari, hija qalet li ġieli marret tixtri xi *parts* għall-konvenuti iżda kienet sempliċiment tixtri li jgħidulha billi ma kinitx persuna teknika. Mistoqsija dwar ix-xogħol li sar fuq id-dgħajsa relattiva, hija kienet tiftakar li l-konvenuti kienu qegħdin jagħmlu xogħol ta' żarmar iżda saħqet li ma kinitx tifhem wisq. Murija ritratt partikolari, ix-xhud ikkonferma li l-konvenuti kienu qed jixkatlaw id-dgħajsa biex jagħmlu l-*antifouling*.

**Yanis Degabriele** xehed li hu kien jaħdem mal-konvenut Lou Jean Spiteri u kien jaf li Steve Scicluna kien mekkanik tad-dgħajjes. Mistoqsi dwar id-dgħajsa relattiva, ix-xhud qal li huwa ra d-dgħajsa fi stat diżastruż u kien ovvju li kienet ilha ma tintuża. Huwa qal li kien ċar li s-sid preċedenti tagħha ma kienx jieħu ħsiebha. Rigward xogħol li sar fuq id-dgħajsa, ix-xhud qal li ra frak ta' lewn kaħlani li kien ifisser li kienet qed tkun xkatlata, u mbagħad, meta d-dgħajsa waslet biex titlaq mill-garaxx, sema' id-dgħajsa taħdem.

**Michael Savona**, assistent reġistratur tal-bastimenti merkantili, ippreżenta traskrizzjoni tar-reġistru tad-dgħajsa relattiva u xehed li d-dgħajsa bidlet isimha. Is-sid preżenti tad-dgħajsa kien

Leonard Sammut. Huwa qal li d-dgħajsa nbniet fis-sena 1980 u kienet twila 6.7 metru, bi *gross tonnage* ta' 3.6 tunnellata u l-qawwa tal-magna kienet 164 *kilowatt*. Id-dgħajsa kienet ilha rreġistrata mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta mill-2010 bl-isem *Sea Lion 3* u dejjem baqgħet illiċenzjata għalkemm seta' kien li nbidel is-sid. Skont l-informazzjoni li kellu x-xhud, il-magna kienet ta' natura *inboard* tal-għamla *Mercury Marine*. Muri s-*survey* li sar minn Elio Desira, ix-xhud qal li dik il-magna kienet *outboard*. Huwa qal li fil-passat, l-Awtorità ma kinitx tirreġistra magni *outboard* billi ma kienx hemm wisq kontroll fuqhom, fis-sens li s-sid seta' jbiddel il-magna meta jrid mingħajr ma jinforma lil ħadd. Madankollu kien aktar diffiċli tbiddel magna li tkun *inboard*. Ix-xhud żied li fl-aħħar tlett snin jew erbgħa, l-Awtorità bdiet tirreġistra anki magni *outboard*. Il-miżati relattivament għad-dgħajsa kienu kollha mħallsin u d-dgħajsa kienet għadha rreġistrata.

**Gordon Cutajar**, rappreżentant tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, kompla fejn ħalla x-xhud Michael Savona u kkonferma dak li kien xehed Savona filwaqt li żied li skont l-informazzjoni li kellha l-Awtorità, ma kienx jidher li d-dgħajsa kellha magna *outboard*.

**Alan Cassar** xehed li kien *surveyor* uffiċjali u indipendenti. Huwa ġie muri r-rapport tas-*surveyor* Elio Desira u qal li s-*survey* ma kienx it-tip ta' *survey* li normalment isir għal finijiet ta' assigurazzjoni. Qal ukoll li normalment, testijiet dijanjostiċi jsiru biex jindikaw difetti ta' natura elettronika aktar milli difetti ta' natura mekkanika. Ix-xhud qal li f'*service* bażiku wieħed normalment jiċċekkja u jibdel iż-żejt u l-*filter* u jsir kif normalment isir f'*service* bażiku ta' karozza, sakemm wieħed ma jkunx identifika xi problemi partikolari. Huwa qal li kieku kien hu li qed jikteb rapport, iniżżel dak li jkun qiegħed jara. Dwar xogħlijiet assenjati, Cassar qal li kieku hu ma jkunx ra li xi biċċa xogħol partikolari ġiet assenjata, ma jiktibx kummenti bħal dawk. Dwar il-frażi "*service the motor in full*", Cassar qal li dak il-kumment jaf ma jfisser xejn u jaf ifisser ħafna. Qal ukoll li meta dgħajsa tkun ilha wieqfa ħafna, jasal jikkunsidra tibdil ta' *filter* u *draining* u tindif ta' tank. Dwar *cylinders* u *crank shaft*, ix-xhud qal li għal affarijiet bħal dawk irid jinfetaħ il-mutur u ma kinux affarijiet ta' *service*. Mistoqsi dwar l-affidavit ta' Maximilian Sammut, ix-xhud Cassar qal li l-affarijiet imniżżlin hemm ma kinux materja ta' sempliċi *service*. Mistoqsi dwar is-*sanding* li sar, ix-xhud qal li tenut kont ta' dgħajsa ta' tnejn u erbgħin sena, huwa kien kieku jirrakkomanda *sandblasting* mhux sempliċi *sanding*. Huwa qal ukoll li dgħajsa wieqfa u esposta għall-elementi kienet ser issirilha ħsara. Rigward il-mutur li kellu 525 siegħa servizz, ix-xhud qal li fil-fehma tiegħu dak ma jistax jitqies mutur ġdid.

In kontro-eżami, Cassar qal li ħafna drabi, qabel wieħed jixtri dgħajsa, jitlob *service* u *survey report* sabiex wieħed ikun ċert minn dak li qiegħed jixtri. L-affarijiet jiddependu wkoll fuq l-informazzjoni li wieħed jirċievi mingħand il-bejjiegħ. Jekk il-bejjiegħ jaċċertak li d-dgħajsa dejjem kienet *serviced*, wieħed normalment jagħmel *service* bażiku sakemm ma jkunx ġew identifikati problemi ulterjuri.

Il-konvenut **Steve Scicluna** xehed li meta ra d-dgħajsa għall-ewwel darba kienet fi stat ta' abbandun. Meta d-dgħajsa waslet fil-garaxx tiegħu, Bernardette Sammut talbet li jsir *service* fuq il-mutur u talbet li jkun irranġat il-qiegħ tad-dgħajsa u jsir l-*antifouling*. Huma startjaw il-magna tad-dgħajsa wara li sar is-*service*, u anzi sar iktar minn *service* għax kien hemm it-*trim* li kellu jkun irranġat u xi *wiring* tal-elettriku wkoll. Wara dan ix-xogħol, id-dgħajsa bdiet tistartja. Inoltre, il-konvenut ma setax jgħid li "*issa*" d-dgħajsa kienet fi stat aħjar billi ma rawhiex aktar.

In kontro-eżami, il-konvenut qal li hu qatt ma kien qal lil Bernardette Sammut li d-dgħajsa ma kinitx ta' jdejhom billi kienet fi stat ħażin. Scicluna qal li b'*service* huwa fehem li d-dgħajsa kellha tinġieb fi stat li taħdem u li dejjem interpreta l-inkarigu mogħti b'mod li "*jiffrankaw lira*" lill-atturi u jneffquha l-anqas spejjeż possibbli. Huwa qal li l-attriċi ma kienx jinteressaha li d-dgħajsa tkun fl-aħjar kundizzjoni possibbli. Ix-xhud ċaħad li sar ftehim fuq prezz *a priori*. Ix-xhud aċċetta li huwa ma tax il-*parts* kollha li nbidlu lill-attriċi u ċioè taha dawk biss li ma kinux laħqu ntremew. Huwa ċaħad li Bernardette Sammut talbithom li ssir prova tad-dgħajsa fil-baħar u qal li kieku talbithom, kienu jaċċettaw u jmorru.

**<u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

Tenut kont tal-mod kif inhu redatt l-Avviż tat-Talba, it-Tribunal josserva li huwa evidentissimu mill-atti li l-konvenuti kienu inkarigati mhux biss li jagħmlu sempliċi *service*, iżda li jrendu lid-dgħajsa *seaworthy* u li jassiguraw ruħhom li hija taħdem mingħajr problemi, u mhux sempliċiment li tistartja. Fil-fehma tat-Tribunal, ix-xhieda ta' Steve Scicluna in kontro-eżami hija prova ċara ta' xogħol li ma sarx skont l-arti u s-sengħa u addirittura prova ċara ta' xogħol mhux meħud bid-debita serjetà, anzi b'mod dilettantesk. Anki jekk *gratia argomenti* Bernardette Sammut talbet biss li jsir *service*, il-konvenuti messhom infurmawha ċar u tond li d-dgħajsa ma setax isirilha sempliċi *service* u kellha bżonn ferm aktar xogħol. Il-konvenuti ma jistgħux jaħarbu mir-responsabilità billi jgħidu li huma riedu jiffrankaw il-flus lill-atturi. It-Tribunal lanqas ma jsibha aċċettabbli li l-konvenut Scicluna, b'indifferenza liema bħalha, jinjora l-istruzzjonijiet tal-attriċi u ma jagħtihiex f'idejha l-*parts* kollha li ġew mibdula bl-iskuża li laħqu ntremew. Il-konvenuti kellhom jaraw li jekk l-attriċi riedet iżżomm il-*parts* l-antiki, jagħtuhomlha, sabiex hi sserraħ moħħha li dawn verament inbidlu.

Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***<u>Pierre Darmanin vs. Moira Agius et</u>*** (6 ta' Ottubru 2004) hija ċarissima, u tgħid hekk:

> "*(1) Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (Kollez Vol XXVII pI p373). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (Kollez Vol XL pI p485).*
>
> *(2) "L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (Kollez. Vol XXXVII pIII p883). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem" (Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972).*
>
> *(3) Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Kollez. Vol XLI pI p667) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet*

*lilu moghtija mill-kommittent. "E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte" (Kollez Vol XXV pI p727). Kif ahjar imfisser u spjegat, "l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent" (Kollez. Vol XLII pII p1003).*

*(4) Huwa pacifiku ukoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (Kollez. Vol XLI pII p892);*

*(5) Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, kif certament hu l-kaz in ispecje, l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt" (Kollez. Vol XXXVIII pI p292).*

*(6) Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta' dik ir-responsabilita` kontrattwali normattiva minhabba inadempiment. Li jfisser li l-kommittent jista' jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Art 1069 (1) tal-Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor il-kommittent ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art 1069 (2)).*"

It-Tribunal lanqas ma jħares b'ħarsa ħelwa lejn il-fatt li ġie mressaq bħala xhud is-*surveyor* Alan Cassar. Dan is-*surveyor* sab ruħu f'pożizzjoni ferm skomda billi kellu jwieġeb id-domandi dwar ir-rapport tas-*surveyor* Elio Desira pjuttost *in vacuo* u ovvjament, mingħajr ma kien fil-moħħ ta' Elio Desira meta dak irrediġa r-rapport tiegħu. *Se mai*, il-konvenuti messhom għamlu kontro-eżami lil Elio Desira stess, u mhux ressqu *surveyor* ieħor sabiex jikkummenta dwar rapport li ma kienx tiegħu u dwar dgħajsa li m'hemmx prova li huwa eżamina. Kif Elio Desira kiteb rapport dwar dgħajsa li huwa eżamina flimkien ma' mekkanik, ma setax ikun mistenni li Alan Cassar jixhed dwar rapport ta' *surveyor* ieħor meta l-istess Alan Cassar qatt ma eżamina d-dgħajsa relattiva.

Fir-rigward tar-rapport tas-*surveyor* Elio Desira, it-Tribunal huwa tal-fehma li dan ir-rapport, li ma ġiex kontradett – u anzi ma setax jiġi kontradett, għar-raġunijiet misjuba fil-paragrafu preċedenti – huwa ċarissimu. Jirriżulta li **wara** li d-dgħajsa ġiet rilaxxata mill-konvenuti lill-atturi, is-*surveyor* sab il-ħsarat elenkati fit-taqsima 10 tar-rapport (fol. 35).

Jirriżulta wkoll mir-rapport ta' Elio Desira, senjatament il-parti li tinsab a fol. 47 sa 49, li dan elenka l-lista ta' xogħlijiet li allegatament saru mill-konvenuti (dokument P anness mal-affidavit ta' Maximilan Sammut) u prattikament għal kull waħda qal li x-xogħol jew ma sarx inkella sar ħażin. Fil-fehma tat-Tribunal, il-konvenuti b'ebda mod ma rnexxielhom iwaqqgħu l-kredibilità tar-rapport.

It-Tribunal ma jistax jifhem ir-raġuni loġika wara l-aġir tal-konvenuti, jekk wara kollox hemm raġuni loġika. Jirriżulta mill-eżami ta' Steve Scicluna (fol. 140 u 141) li fi kliemu stess, id-dgħajsa kienet abbandunata. Għalhekk kellu jkun ovvju għalih li dgħajsa li kienet abbandunata bilfors tirrikjedi ħafna xogħol u mhux biss xogħol sal-grad li din sempliċiment tistartja. Huwa ovvju li l-atturi m'għandhomx bżonn dgħajsa li merament tistartja, iżda waħda li taħdem sewwa u li ma tiqafx f'nofs ta' baħar.

B'referenza għall-enfasi tal-konvenuti dwar l-assigurazzjoni tad-dgħajsa, it-Tribunal ifakkar li din il-kawża mhijiex dwar ċertifikati ta' reġistrazzjoni u prova tal-assigurazzjoni tad-dgħajsa *o meno*, u lanqas dwar allegati nuqqasijiet regolatorji, iżda purament dwar ix-xogħlijiet li saru mill-konvenuti fuq id-dgħajsa tal-atturi, u xejn aktar.

Għalhekk hija l-fehma tat-Tribunal li ebda waħda mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti m'hi sorretta mill-fatti kif ippruvati.

## <u>**Deċide**</u>

Għaldaqstant, wara li sema' l-provi u għamel il-konsiderazzjonijiet tiegħu, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti, jilqa' it-talbiet kollha tal-atturi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ammont ta' tlett elef u mija u wieħed u tletin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€3,131.36) lill-atturi bl-imgħax kif mitlub fl-Avviż tat-Talba.

L-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu mill-konvenuti.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
***B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.***
**Ġudikatur**